**Kunsill Lokali**
**Għajnsielem**

---

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 45 – 17 ta' Novembru 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar il-Ħamis 17 ta' Novembru 2022 fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**45.1 Talba**

45.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

45.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**45.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

45.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**45.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

45.4.1 Is-Sindku rrefera għat-talba li resqulna l-għaqda RUST sabiex jorganizzaw kompetizzjoni ta' tlielaq tar-roti nhar it-13 ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel li għandu jisponsorja it-trophies ta' din l-attivita'.

45.4.2 Is-Sindku rrefera wkoll għall-proposta li offrewlna l-organizzaturi tal-Festival Gaulitana sabiex jittella' kunċert fil-knisja tal-patrijiet f'Għajnsielem bħala parti minn dan il-Festival. It-talba sabiex isir dan il-kunċert hija ta' kontribuzzjonii ta' €300 euro. Il-Kunsill qabel li għandu jaċċetta din l-offerta.

45.4.3 Ġiet trattata t-talba tal-parteċipazzjoni ta' Angelo Muscat f'Bethlehem f'Għajnsielem billi jtella' kunċert f'Bethlehem f'Għajnsielem. Il-Kunsill ikkunsidra din it-talba.

## 45.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

45.5.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex terġa titella' l-isports day tradizzjonali. Is-Sindku wieġbu li hija pjanata bħala waħda mill-attivitajiet tal-Milied.

45.5.2 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex isir xi tindif madwar il-palm tal-knisja peress li qed imutu. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lill-Arċipriet.

45.5.3 Il-kunsillier Larry Buttieg talab sabiex il-kunsill jerġa għal-darb'oħra jisponsorja l-premijiet konnessi mal-Snooker Competition. Il-Kunsill qabel li bħas-snin preċedenti għandu jikkollabora f'din l-attivita' sportiva.

45.5.4 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura staqsa dwar x'inhu l-pjan tal-attivita' konnessa mal-Miġja tal-Maġi. Ġew diskussi xi proposti dwar il-miġja tal-Maġi minn irħula maltin jew dawk għawdxin. Sar qbil li din l-attivita' għandha tiġi diskussa fid-dettal fil-laqgħa li jmiss.

45.5.5 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex issir tabella Keep Clear fil-Keep Clear Bay ħdejn ir-Restaurant One 80.

45.5.6 Il-kunsillier Larry Buttigieg rrefera għal siġar li qed iwaqqgħu fi Triq il-Ġnien u jinħtieġ li jinżabru. Is-Sindku wieġbu li qed isir iż-żbir tas-siġar f'kull żona..

## 45.6 Korrispondenza

45.6.1 Ma kienx hemm korrispondenza x'tiġi diskussa.

## 45.7 Premju Ġieħ Għajnsielem

45.7.1 Il-Kunsill propona li s-serata ta' Ġieh Għajnsielem 2022 issir fil-Kazin tal-Football nhar is-16 ta' Diċembru fis-7:00pm.

45.7.2 Is-Sindku propona li hekk kif għamilna s-sena l-oħra nipproponu persuna għal Ġieħ Għajnsielem. Għal din is-sena propona li l-Ġieħ għandu jingħata lil Alex Spiteri li ħadem bi sħiħ fil-qasam sportiv għal Għajnsielem. Il-Kunsilliera qablu unanimament u qablu wkoll li s-serata għandha tinżamm fil-Każin tal-Football.

## 45.8 Milied 2022

45.8.1 Is-Sindku ħabbar bi pjaċir li l-Ministeru għal Għawdex aċċettaw li tixxandar live u ser jiffirnanzjawlna l-kollegament. Il-Kunsill qabel li Bethlehem f'Għajnsielem għandu jiġi nawgurat uffiċjalment mis-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Cevelli u mill- Ministru għal Għawdex Clint Camilleri.

45.8.2 Is-Sindku spjega li x-xogħol f'Bethlehem f'Għajnsielem jinsab miexi. Qed isir ix-xogħol tad-dawl, tiswija u bini mill-ġdid tal-lukanda u l-voluntiera bnew l-arena mill-ġdid. Ir-restawr tal-istrutturi qed isir minn Rudolph Cauchi li ġie misluf magħna għal dan il-perijodu. Il-Viċi Sindku spjega kif għad fadal ħafna xogħol u ser issir lista tax-xogħolijiet pendenti sabiex jitwettqu mill-ħaddiema tal-Kunsill.

45.8.3 Is-Sindku rrefera għall-poster tal-attivita' li ġie ppublikat illum. Sadanittant qed jiġi preparat ktejjeb ta' kalendarju tal-attivitajiet tal-Milied biex jiġi printjat u mqassam f'kull dar f'Għajnsielem. Bħala promozzjoni ser isiru sponsored adverts fuq il-miedja soċjali kif ukoll intervisti fuq programmi televiżivi.

45.8.4 Is-Sindku spjega kif ix-xogħol fuq it-tiżjin tal-Milied tiżjin beda wkoll.

45.8.5 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-attivita' tat-tfal tal-Milied ser tkun parti mill-attivitajiet tal-Amppa fejn matulha minbarra li jingħataw informazzjoni dwar il-proġett ser jingħatalhom backpack bil-logo tal-proġett. Għal dawn inġabru quotations u l-Kunsill evalwa l-istimi miġbura u għazel l-orħos offerta dik ta' Mampalao Ltd għall-prezz ta' €4.34+VAT kull backpack. Sar qbil li għandna nordnaw 220.

45.8.6 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għaż-żewġ avvenimenti li huwa nkarigat minnhom fosthom is-Siġra tal-Milied u l-attrazzjonijiet oħra kif ukoll Bethlehem f'Għajnsielem fejn ix-xogħolijiet jinsabu mexjin. Bħala dawl tas-siġra spjega kif din is-sena huwa pjanat li jsir ftit differenti u rrefera għal fatt li l-Arċipriet għogbu jagħtina apparat sinkronizzat għal din il-mixgħela.

45.8.7 Il-Viċi Sindku spjega kif rigward l-attrazzjoni l-ġdida li tinkludi brazzi ser jitpoġġew fil-bidu ta' Triq Fawwara u fil-bidu ta' Pjazza Indipenza u ser jitwaħħlu fuq arbli.

45.8.8 Il-Viċi Sindku talab dwar il-possibilita' li t-team tal-voluntiera jsirulhom jumpers/hoodies promozzjonali. Sar qbil li għandna ninkludu l-logo tal-Amppa, niġbru l-istimi u jiġu finanzjati mill-proġett.

45.8.9 Il-Viċi Sindku propona wkoll li edizzjoni minnhom ta' Bethlehem f'Għajnsielem ser tkun għat-tfal u jiġu mistiedna t-tfal jilbsu kostum tal-Milied.

### 45.9 Ħatra ta' Bord għall-Għażla tat-tender tal-Latrina Pubblika

45.9.1 Is-Sindku Kevin Caucui spjega kif is-sejħa mill-ġdid tal-offerta tal-Latrina Pubblika li din id-darba ġiet maqsuma f'lots, ser tagħlaq nhar it-23 ta' Novembru 2022. Bħala Bord tal-Għażla l-Kunsill qabel li għandu jkun maħtur mill-Perit Shawn Micallef, l-Avukat Joshua Grech, is-Sur William Sultana, is-Sindku Kevin Cauchi u s-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber. Sar qbil li l-Bord għandu jiltaqa' appena tagħlaq l-offerta.

### 45.10 Pubblikazzjoni ta' Offerta tal-Interpretation Centre Amppa

45.10.1 Is-Sindku preżenta l-Bill of Quantities provduta mill-Perit Godwin Sultana. Sar qbil li għandna b'effett immedjat nippublikaw l-offerta.

**45.11 Materji oħra**

45.11.1 Il-Kunsill qabel li ghandu jippublika l-offerta tal-manutenzjoni tal-Latrina Pubblika tal-Imgarr.

**45.12 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

45.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**45.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

45.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgha 23 ta' Diċembru 2022 fl-4:30pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**